



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

15958/23

LIMITE

ACP 124
WTO 183
COAFR 419
RELEX 1383

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0338 (NLE)

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kenja, Membru tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant, min-naħa l-oħra

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...

ta' ...

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni,
tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn
l-Unjoni Ewropea minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kenja, Membru tal-Komunità tal-
Afrika tal-Lvant, min-naħa l-oħra**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(6), il-punt (a)(v), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea¹,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew²,

¹ ĠU C [...], [...], p. [...].

² ĠU C [...], [...], p. [...].

Billi:

- (1) Fit-12 ta' Ġunju 2002, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati f'isem l-Unjoni għal Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika (FSE) mal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku.
- (2) In-negozjati bejn l-Unjoni u l-Istati Sħab tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant (EAC) (ir-Repubblika tal-Burundi, ir-Repubblika tal-Kenja, ir-Repubblika tar-Rwanda, ir-Repubblika Unita tat-Tanzanija u r-Repubblika tal-Uganda) għal FSE bejn l-UE u l-EAC ġew konklużi fl-14 ta' Ottubru 2014 u l-FSE bejn l-UE u l-EAC ġie inizjalat fis-16 ta' Ottubru 2014.
- (3) Il-Repubblika tal-Kenja ('Kenja') tiffirmat u rratifikat l-FSE bejn l-UE u l-EAC fl-1 u t-28 ta' Settembru 2016, rispettivament. Biex l-FSE bejn l-UE u l-EAC jidħol fis-seħħ, il-membri kollha tal-EAC jeħtieġ li jiffirmawh u jirratifikawh. Sa din id-data, il-firam u r-ratifika tal-membri l-oħra tal-EAC għadhom pendenti, u dan jipprevjeni li l-FSE bejn l-UE u l-EAC jidħol fis-seħħ.
- (4) Fid-19 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill aġġorna d-direttivi ta' negozjar tal-Kummissjoni tal-2002 billi inkluda l-konklużjoni ta' kapitolu dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli fl-FSE.
- (5) Fis-27 ta' Frar 2021, is-Summit tal-EAC awtorizzat lill-membri individwali tal-EAC jipproċedu bl-implimentazzjoni bilaterali tal-FSE bejn l-UE u l-EAC skont il-prinċipju ta' "ġeometrija varjabbli". Fl-4 ta' Mejju 2021, il-Kenja nnotifikat lill-Kummissjoni bit-talba tagħha biex timxi 'l quddiem f'dak is-sens.

- (6) Fis-17 ta' Frar 2022, l-Unjoni u l-Kenja iffirmaw Dikjarazzjoni Konġunta fil-marġini tas-Summit bejn l-UE u l-Unjoni Afrikana fejn qablu li j avvanzaw in-negozjati dwar FSE bejn l-Unjoni u l-Kenja ("il-Ftehim"), li għandu jibqa' miftuħ għal għall-adeżjoni minn Stati bi Sħab oħra tal-EAC.
- (7) Fl-24 ta' Mejju 2023, in-negozjati għall-Ftehim ġew konklużi b'suċċess.
- (8) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/...³, il-Ftehim ġie ffirmat fi ...⁺⁺, suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar tard.
- (9) Il-Ftehim jenħtieġ li jkun approvat f'isem l-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/... ta' ... dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kenja, Membru tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant, min-naħa l-oħra (ĠU L, 2023/..., ..., ELI: ...).

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal ir-referenza għad-Deċiżjoni li tinsab f'ST 15954/23 u imla n-nota korrispondenti f'qiegħ il-paġna.

⁺⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-iffirmar tal-Ftehim li jinsab fid-dokument ST 13573/23.

Artikolu 1

Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kenja, Membru tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant, min-naħa l-oħra⁴ ("il-Ftehim"), huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 139(3) tal-Ftehim⁵.

Artikolu 3

Il-Ftehim ma għandux jiġi interpretat fis-sens li jagħti xi drittijiet jew jimponi xi obbligi li jistgħu jiġu invokati direttament quddiem il-qrati jew tribunali tal-Unjoni jew tal-Istati Membri.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

⁴ It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fil-ĠU L, 2023/..., ..., ELI: ... [ĠU: jekk jogħġbok daħħal ir-referenza tal-ĠU għal ST 13573/23].

⁵ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.